# Minuti tal-437 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa, 6 t' Awwissu, 2014

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ppresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Marc Vella Bonnici, il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur John J Pace, is-Sur Brian Spiteri, is-Sur Joseph Agius (is-Sway), is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Joseph Agius, s-Sur Joseph Vella u s-Sinjura Anna Calleja.

L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ is-Sinjorina Katrin Busuttil daħlet għal-laqgħa fis-6.35 ta' filgħaxija u s-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa fis-7.00 ta' filgħaxija.

Is-Sindku tkellem dwar l-importanza li meta tkun ser tittella` attivita` l-Kunsill ikun mgħarraf minn qabel u b'mod dettaljat bl-ispiża tal-attivita` u din m'għandix tiġi tiswa aktar minn kemm ikun ġie deċiż fil-Kunsill.

Fis-6.35 daħlet għal-laqgħa l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ, is-Sinjorina Katrin Busuttil.

Is-Sur Joseph Agius (is-Sway) ippropona sabiex kull darba li jitniżżel ismu tiżdied wara ismu l-kelma (is-Sway) sabiex ikun hemm referenza ċara fil-minuti peress illi issa l-Kunsill għandu żewġ Kunsillieri bl-isem Joseph Agius u t-tnejn jirrappreżentaw lill-istess partit. Għaldaqstant irid jkun hemm xi ħaġa li tiddistingwi Kunsillier minn ieħor. Is-Sindku ssekonda lis-Sur Joseph Agius (is-Sway) u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Sur Joseph Buttigieg ippropona li ssir korrezzjoni fil-minuti tal-429 laqgħa li saret fit-12 ta' Marzu f'paġna 119. Wara l-paragrafu dwar id-deċiżjoni tal-offerti għaż-żamma u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi jidħol dan il-kliem 'Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li joħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet għal xiri ta' *asphalt* u sejħa oħra għal xiri ta' konkos'. Is-Sur Joseph Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sur Joseph Buttigieg u l-minuti tal-429 laqgħa ġew approvati kif emendati b'għaxar voti favur u astenzjoni waħda.

Is-Sur Joseph Agius qal illi kien qed jastjeni milli japprova l-minuti tal-laqgħat kollha li saru bejn it-12 ta' Marzu, 2014 u 17 ta' Ġunju, 2014 peress illi ma kienx preżenti għal dawn il-laqgħat għax kien għadu ma ġiex elett Kunsillier.

Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill approva b'għaxar voti favur u astenzjoni l-minuti tal-430 laqgħa tal-Kunsill.

Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill approva b'għaxar voti favur u astenzjoni l-minuti tal-431 laqgħa tal-Kunsill.

Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill approva b'għaxar voti favur u astenzjoni l-minuti tal-432 laqgħa tal-Kunsill.

Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill approva b'għaxar voti favur u astenzjoni l-minuti tal-433 laqgħa tal-Kunsill.

Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill approva b'għaxar voti favur u astenzjoni l-minuti tal-434 laqgħa tal-Kunsill.

Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill approva b'għaxar voti favur u astenzjoni l-minuti tal-435 laqgħa tal-Kunsill.

Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill approva unanimament l-minuti tal-436 laqgħa tal-Kunsill.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Ma kienx hemm mistoqsijiet u affarijiet mill-minuti.

Item 4 - Nuqqas ta' attendenza ta' Kunsillieri għal-laqgħat tal-Kunsill

Is-Sindku qara ittra mogħtija lilu mis-Segretarju Eżekuttiv u kopja ta' ittra li kienet ingħatat ukoll lis-Sindku preċedenti s-Sur Quinton Scerri fejn is-Segretarju Eżekuttiv kien qed jinfurmah illi l-Viċi-Sindku, s-Sur Domenic Agius kien naqas milli jattendi għal aktar minn terz tal-laqgħat tal-Kunsill li saru fl-aħħar sitt xhur (8 t'Awwissu 2013 sal-11 ta' Frar 2014) għal-laqgħat tal-Kunsill.

Is-Sindku qara korrispondenza datata 25 ta' Marzu, 2014 li kienet ingħatat ukoll lis-Sindku preċedenti s-Sur Quinton Scerri fejn is-Segretarju Eżekuttiv kien qed jinfurmah illi l-Kunsillier is-Sur Joseph Vella kien naqas milli jattendi għal aktar minn terz tal-laqgħat tal-Kunsill li saru fl-aħħar sitt xhur (9 t'Ottubru 2013 sal-12 ta' Marzu 2014).

Is-Sindku qara korrispondenza datata 24 ta' April, 2014 li kienet ingħatat ukoll lis-Sindku preċedenti s-Sur Quinton Scerri fejn is-Segretarju Eżekuttiv kien qed jinfurmah illi l-Kunsillier is-Sur Mark Grech kien naqas milli jattendi għal erba' laqgħat konsekuttivi li saru bejn id-29 ta' Jannar 2014 u s-27 ta' Marzu 2014.

Is-Sindku qara korrispondenza datata 28 ta' April, 2014 li kienet ingħatat ukoll lis-Sindku preċedenti s-Sur Quinton Scerri fejn is-Segretarju Eżekuttiv kien qed jinfurmah illi l-Kunsillier is-Sur Marc Vella Bonnici kien naqas milli jattendi għal aktar minn terz tal-laqgħat tal-Kunsill li saru fl-aħħar sitt xhur (7 ta' Novembru 2013 sal-24 ta' April 2014).

Is-Sindku qara korrispondenza datata 28 ta' April, 2014 li kienet ingħatat ukoll lis-Sindku preċedenti s-Sur Quinton Scerri fejn is-Segretarju Eżekuttiv kien qed jinfurmah illi l-Kunsillier is-Sur Joseph Agius kien naqas milli jattendi għal aktar minn terz tal-laqgħat tal-Kunsill li saru fl-aħħar sitt xhur (7 ta' Novembru 2013 sal-24 ta' April 2014).

Is-Sindku qara korrispondenza datata 28 ta' April, 2014 li kienet ingħatat ukoll lis-Sindku preċedenti s-Sur Quinton Scerri fejn is-Segretarju Eżekuttiv kien qed jinfurmah illi l-Kunsillier is-Sur Joseph Bonnici kien naqas milli jattendi għal aktar minn terz tal-laqgħat tal-Kunsill li saru fl-aħħar sitt xhur (7 ta' Novembru 2013 sal-24 ta' April 2014).

Is-Sindku qara korrispondenza datata 5 ta' Mejju, 2014 li kienet ingħatat lis-Sindku preċedenti s-Sur Quinton Scerri fejn is-Segretarju Eżekuttiv kien qed jinfurmah illi l-Kunsillier is-Sinjura Anna Calleja kienet naqset milli tattendi għal aktar minn terz tal-laqgħat tal-Kunsill li saru fl-aħħar sitt xhur (7 ta' Novembru 2013 sad-29 ta' April 2014).

Is-Sindku qara korrispondenza datata 6 ta' Mejju, 2014 li kienet ingħatat ukoll lis-Sindku preċedenti s-Sur Quinton Scerri fejn is-Segretarju Eżekuttiv kien qed jinfurmah illi l-Viċi-Sindku is-Sur Domenic Agius kien naqas milli jattendi għal erba' laqgħat konsekuttivi li ssejħu bejn it-12 ta' Marzu 2014 u d-29 ta' April 2014.

Is-Sindku qara korrispondenza datata 30 ta' Mejju, 2014 li kienet ingħatat ukoll lis-Sindku preċedenti s-Sur Quinton Scerri fejn is-Segretarju Eżekuttiv kien qed jinfurmah illi l-Kunsillier is-Sur Joseph Vella kien naqas milli jattendi għal erba` laqgħat konsekuttivi li ssejħu bejn 27 ta' Marzu, 2014 u d-19 ta' Mejju 2014.

Is-Sindku qara korrispondenza datata 6 ta' Ġunju, 2014 li kienet ingħatat ukoll lis-Sindku preċedenti s-Sur Quinton Scerri fejn is-Segretarju Eżekuttiv kien qed jinfurmah illi l-Kunsillier is-Sur Mark Grech kien naqas milli jattendi għal erba' laqgħat konsekuttivi li saru bejn l-24 t' April 2014 u l-5 ta' Ġunju 2014.

Is-Sindku qara korrispondenza datata 9 ta' Lulju, 2014 li kienet ingħatat ukoll lis-Sindku preċedenti s-Sur Quinton Scerri fejn is-Segretarju Eżekuttiv kien qed jinfurmah illi l-Kunsillier is-Sur Joseph Agius kien naqas milli jattendi għal erba` laqgħat konsekuttivi tal-Kunsill li ssejħu bejn id-29 ta' April u s-17 ta' Ġunju, 2014.

Is-Sindku qara korrispondenza datata 9 ta' Lulju, 2014 li kienet ingħatat lis-Sindku preċedenti s-Sur Quinton Scerri fejn is-Segretarju Eżekuttiv kien qed jinfurmah illi l-Kunsillier is-Sur Brian Spiteri kien naqas milli jattendi għal aktar minn terz tal-laqgħat tal-Kunsill li saru fl-aħħar sitt xhur (27 ta' Diċembru 2013 u 17 ta' Ġunju 2014).

Is-Sindku qara korrispondenza datata 9 ta' Lulju, 2014 li kienet ingħatat ukoll lis-Sindku preċedenti s-Sur Quinton Scerri fejn is-Segretarju Eżekuttiv kien qed jinfurmah illi l-Kunsillier is-Sur Marc Vella Bonnici kien naqas milli jattendi erba` laqgħat konsekuttivi li ssejħu bejn 29 ta' April 2014 u s-17 ta' Ġunju 2014).

Is-Sindku qara korrispondenza datata 9 ta' Lulju, 2014 li kienet ingħatat ukoll lis-Sindku preċedenti s-Sur Quinton Scerri fejn is-Segretarju Eżekuttiv kien qed jinfurmah illi l-Kunsillier is-Sur Joseph Bonnici kien naqas milli jattendi erba` laqgħat konsekuttivi li ssejħu bejn 29 ta' April 2014 u s-17 ta' Ġunju 2014).

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza tas-Sur Domenic Agius, tas-Sur Joseph Agius, tas-Sur Mark Grech, tas-Sur Joseph Vella, tas-Sur Joseph Bonnici, tas-Sur Marc Vella Bonnici, tas-Sur Brian Spiteri u tas-Sinjura Anna Calleja kienet minħabba ċ-ċirkustanzi li l-Kunsill kien għaddej minnhom u għalhekk kienet raġuni ġustifikata. Għaldaqstant il-Kunsill għandu jitlob li l-post tas-Sindku, l-post tal-Viċi Sindku u l-Kunsilliera ma jiġix dikjarat vakanti.

Item 5 – Ħatra ta' Sotto-Kumitati

Is-Segretarju Eżekuttiv għadda kopja tal-Artikoli tal-liġi Dwar Kunsilli Lokali u Sotto-Kumitati lill-membri kollha tal-Kunsill.

Is-Sindku ppropona illi l-Kunsill jaħtar Sotto-Kumitati u jingħataw responsabilitajiet ġodda u jiġu xolti l-*Action Teams* li kienu mwaqqfa fl-1 t'April 2013. Peress illi s-Sotto-Kumitati maħtura mill-Kunsill għandhom jirrispondu direttament lill-Kunsill Lokali, ġie propost li kull Kunsillier ikun *Chairperson* ta' Sotto-Kumitat u kull Sotto-Kumitat ikun indipendenti u kompost minn minimu ta' ħames membri. Is-Sindku talab sabiex kull Sotto-Kumitat ikollu Segretarju u jitressqu l-minuti tal-laqgħat bir-rakkomandazzjonijiet tas-Sotto-Kumitat fil-laqgħat tal-Kunsill.

Il-Viċi-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li jitwaqqfu dawn is-Sotto-Kumitati u jiġu xolti l-*Action Teams* kollha.

Sotto-Kumitat għall-Proġetti Infrastrutturali, Relazzjonijiet Pubbliċi u Ko-ordinament ma' Awtoritajiet u Dipartimenti tal-Gvern
*Chairperson*: Is-Sindku s-Sur Marc Vella Bonnici

Sotto Kumitat għas-Servizzi Publiċi u Titjib f'Żoni Residenzjali
*Chairperson*: Il-Viċi Sindku s-Sur Domenic Agius

Sotto Kumitat għall-Anzjanita` Attiva
*Chairperson* : Il-Kunsillier is-Sur Joseph Buttigieg

Kumitat għall-Finanzi / Sotto Kumitat għaż-Żgħażagħ u Edukazzjoni
*Chairperson*: Il-Kunsillier is-Sur Mark Grech

Sotto Kumitat għas-Saħħa u Politika Soċjali
*Chairperson* : Il-Kunsillier is-Sur John J Pace

Sotto Kumitat għall-Immaniġġjar tat-Traffiku u Trasport Pubbliku
*Chairperson* : Il-Kunsillier is-Sur Joseph Agius (Is-Sway)

Sotto Kumitat għar-Relazzjonijiet Internazzjonali u Fondi Ewropej u
Sotto Kumitat Attivitajiet Kulturali u Sportivi
*Chairperson* : Il-Kunsillier is-Sur Joseph Vella

Sotto Kumitat għall-Negozji u Intrapriżi Żgħar / Medji u Turiżmu
*Chairperson* : Il-Kunsillier is-Sur Brian Spiteri

Sotto Kumitat għall-Familja, Tfal u l-Promozzjoni tal-Ugwaljanza
*Chairperson* : Il-Kunsilliera Anna Calleja

Sotto Kumitat għall-Ambjent /Restawr u Żvilupp Sostenibbli
*Chairperson* : Il-Kunsillier is-Sur Joseph Bonnici

Sotto Kumitati għall-Persuni b'Diżabilità u Inklużjoni Soċjali
*Chairperson* : Il-Kunsillier is-Sur Joseph Agius

Is-Sindku talab sabiex fil-laqgħa li jmiss kull Kunsillier iressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill lista tal-membri nominati għal kull Sotto-Kumitat u qal li wara li jiġu aċċettati mill-Kunsill ser ikun qed jiltaqa` mal-membri kollha tas-Sotto-Kumitati.

Is-Sur John J Pace staqsa jekk is-Segretarju tas-Sotto-Kumitat għandux ikun bilfors iċ-*Chairperson*. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

Is-Sur Pace staqsa jekk l-attivita` tal-Merħba lill-Istaġuni kienetx ser tkun organizzata mis-Sur Joseph Vella bħala Chairman tas-Sotto Kumitat responsabbli mill-kultura. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk il-Kunsill għandux informazzjoni dwar kemm hemm persuni b'diżabilita` f'Ħaż-Żabbar. Is-Segretarju wieġbu fin-negattiv.

Is-Sur Joseph Bonnici staqsa jekk l-Ordni Pubblika kienetx ser tkun fir-responsabilità tas-Sindku. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

Is-Sur Brian Spiteri staqsa jekk is-Sotto-Kumitati jistgħux jieħdu inizjattivi flimkien. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

Is-Sur Spiteri talab sabiex kull Sotto-Kumitat jinforma lill-Kunsill minn qabel bl-attivitajiet li jkunu ser jiġu organizzati.

Is-Sur Joseph Vella talab sabiex kull Sotto-Kumitat jikkwantifika l-ispejjeż relatati ma' kull attivita` qabel ma' din tiġi organizzata u mhux ikun hemm *budget* ta' sena allokat lil kull Sotto-Kumitat.

Item 6 - Korrispondenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn NASOM fejn intalbet l-għajnuna tal-Kunsill sabiex titqajjem aktar kuxjenza dwar l-istorbju li jiġi ġġenerat mit-tip ta' xogħol li jsir fil-funderija Ħompesch Steel billi jitqassmu *leaflets* mal-fuljett tal-Kunsill.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Pio Farrugia, Assistent Direttur fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sinjorina Sharon Camenzuli kienet qed tiġi mitluba tibda xogħol mal-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ minn nhar it-Tnejn, 30 ta' Ġunju, 2014 u kull *replacement* tagħha fil-Kunsill ta' Ħaż-Żabbar ikun temporanju (*back to back*) sakemm hija tirritorna fil-Kunsill ta' Ħaż-Żabbar. L-impjieg tagħha fil-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar jibqa` bis-seħħ bi dritt li terġa` lura fil-Kunsill kemm il-darba, kemm fuq talba tagħha jew tal-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ, hija ma tibqax taqdi l-kariga tagħha fil- Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ.

Fis-7.00 ta' filgħaxija, is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Ex-Sindku s-Sur Quinton Scerri fejn fil-kapaċita tiegħu bħala Segretarju Privat fil-Ministeru għall-Intern u Sigurta Nazzjonali nforma lid-Dipartiment li ma kien qed isib l-ebda oġġezzjoni sabiex isir kif qed jintalab mid-Dipartiment u li s-Sinjorina Camenzuli m'għandhiex tiġi mtellfa din l-opportunità.

Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jikteb lid-Dipartiment u jitlob sabiex ir-*replacement* tas-Sinjorina Camenzuli ma jkunx temporanju (*back to back*) u dan sabiex meta jkun hemm il-ħtieġa, l-Kunsill ikun jista` jimpjega lil xi ħadd u l-kariga ma tibqax miżmuma vakanti.

Is-Sur Mark Grech saħaq dwar il-ħtieġa li l-Kunsill ikompli bil-proċess għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv fuq Skala 13 peress illi l-Kunsill għandu tlett impjegati neqsin.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Martin Morana, *Manager* fil-*Malta Tourism Authority* fejn il-Kunsill ġie nfurmat illi sitt strippi ma kienux ġew irritornati lura lill-*Malta Tourism Authority* wara li ġew mislufin lill-Kunsill biex jintużaw fl-attivita` *The Malta International Food Festival.* Il-Kunsill ġie mitlub iħallas għall-istrippi mitlufa.

Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li jivverifika kemm kien in-numru ta' strippi li ttieħdu lura l-*Malta Tourism Authority* mal-persuna li kienet inkarigata mit-trasport, u f'każ li jirriżulta illi kienu ttieħdu lura sitt strippi neqsin il-Kunsill iħallas għall-istrippi mitlufa.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn Dr David Sammut fejn talab il-permess tal-Kunsill sabiex iħalli *crane* wara nżul ix-xemx fuq is-sit ta' kostruzzjoni f'Misraħ is-Sliem. Fuq

proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ma jingħatax permess mill-Kunsill biex il-*crane* jitħalla fil-post wara nżul ix-xemx kif stipulat fl-Avviż Legali 119/2002.

Is-Sur Brian Spiteri talab ukoll sabiex ma jingħatax permess għall-tqegħid ta' makkinarju f'dan is-sit matul il-ġranet tal-festa minħabba l-armar tal-festa.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill l-*insurance claim* flimkien mal-*excess* mitlub, li jammonta għal €55, li jrid jitħallas wara li l-Kunsillier s-Sur Joseph Agius (Is-Sway) kellu inċident żgħir bil-vann tal-Kunsill waqt li kienu qed iwassal il-priġunieri lura fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jħallas l-*excess* tal-*insurance claim* li jammonta għal €55.

Fis 7.25 ta' filgħaxija s-Sur John J Pace talab li jkun skużat.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Joseph Abela, mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-espressjoni ta' interess għall-pubblikazzjoni ta' fuljett. Il-Kunsill ġie nfurmat illi ġaladarba l-Kunsill mhux ser tinvolvih ebda spiża, m'hemmx il-bżonn li tinħareġ *tender*.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li dan l-*item* jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss u jkun *item* fl-agenda.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Fabianne Galea, *HR and Recruitment Manager* l-HSBC fejn infurmat lill-Kunsill li kienu ser jiġu organizzati korsijiet għal min kien interessat isib xogħol mal-HSBC.

Inqrat korripondenza mibgħuta mis-Sur Wilson Mifsud, il-kuntrattur responsabbli mill-kuntratt għaż-żamma u l-manutenzjoni tal-latrini pubbliċi. Is-Sur Mifsud talab il-permess tal-Kunsill sabiex jiġu nstallati *cameras* tas-sigurtà barra mill-kmamar tat-*toilets* għas-spejjeż tal-kumpanija. Is-Sur Mifsud talab ukoll sabiex il-Kunsill jixtri viti tal-ilma awtomatiċi sabiex titnaqqas il-ħela ta' ilma u dawn jitwaħħlu mill-kumpanija tiegħu mingħajr ħlas. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius (Is-Sway) il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta t-talba tal-kuntrattur.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Ray Abela mill-kumpanija TCTC fejn informa lill-Kunsill li ma kienx f'pożizzjoni li jilqa` t-talba sabiex jagħmel għotja ta' żewġ kompjuters. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Vella, il-Kunsill qabel unanimament li ssir laqgħa mas-Sur Abela sabiex tkompli tiġi diskussa l-possibilità li jintlaħaq ftehim sabiex jingħataw il-komputers lill-Kunsill.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Christian Salerno, Manager, GAL Xlokk fejn il-Kunsill ġie nfurmat illi l-applikazzjoni tal-Kunsill biex isir xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq Ħas-Sajjied kienet ġiet aċċettata u l-Kunsill kien ser jingħata għajnuna finanzjarja ta' €27,000.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Christian Salerno, Manager, GAL Xlokk fejn il-Kunsill ġie nfurmat illi l-applikazzjoni tal-Kunsill biex isir xogħol ta' kostruzzjoni ta' *underground bring in-site* fi Triq il-Pellegrinaġġ tar-Roti kienet ġiet aċċettata u l-Kunsill kien ser jingħata għajnuna finanzjarja ta' €12,221.02.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi s-sejħiet pubbliċi għall-offerti għal dawn ix-xogħlijiet kienu ħarġu.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Freda Greham fejn talbet sabiex tiġi rranġata irħama kommemorattiva tal-Ex President ta' Malta is-Sinjorina Agatha Barbara li qiegħda mar-residenza 97, Triq San Ġużepp, Ħaż-Żabbar.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex il-Kunsill jivverifika jekk din il-plakka saritx mill-Istat jew jekk saritx fuq inizjattiva personali.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jiċċekkja mal-Palazz tal-President ta' min hi r-responsabbilita` biex isir xogħol ta' manutenzjoni fuq plakek tal-Ex Presidenti ta' Malta li hawn madwar il-pajjiż.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Direttur, tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Memo 4/2014 rigward skema ta' għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabilita` ta' librerija lokali. Il-Kunsill ġie nfurmat li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien ser jagħti l-ammont ta' €600 f'għajnuna għal-librerija lokali. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Vella, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill joħroġ somma ekwivalenti għax-xiri ta' dawn il-kotba.

Inqara avviż ta' seduta fit-tribunal għal talbiet żgħar li l-Kunsill irċieva mill-kumpanija Elmo Insurance Limited dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq is-Santwarju, fejn intalab kumpens ta' €945.95 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li sofra s-Sur Lawrence Darmanin u li għalihom għamlu tajjeb l-Elmo Insurance Limited. Is-Sur Darmanin qed jallega li fil-31 ta' Mejju 2013 seħħ inċident fejn intlaqtet il-vettura tiegħu bin-numru ta' reġistrazzjoni LMG237, fl-imsemmija triq. Il-vettura tiegħu allegatament intlaqtet minn *barrier* wara li vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JAZ062, misjuqa minn terzi ħabtet fil-vettura appartjenenti tas-Sur Darmanin. Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jgħaddi kopja ta' din il-korrispondenza lill-avukat tal-Kunsill u li jħarrek lil-ex Sindku Quinton Scerri bħala xhud peress illi ħadd mill-Kunsillieri ma kien involut f'dak li ġara f'dan l-inċident li allegatament seħħ qabel bdiet l-attivita` *The Malta International Food Festival*.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Anthony Darmanin fejn talab kumpens ta' €630 għall-allegatament ħsara li saret mal-faċċata tar-residenza tiegħu 18 Il-Kenn Triq iċ-Ċawsli. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jikteb lill-Korporazzjoni Enemalta dwar din il-ħsara.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mic-*Chairman* tal-Fondazzjoni Valletta 2018, is-Sur Jason Micallef fejn il-Kunsill ġie mistieden jipparteċipa f'laqgħat sabiex jiġu diskussi proġetti u programmi li ser isiru b'konnessjoni mal-programm Valletta 2018.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur JJ Aquilina f'isem il-Knisja ta' Sant Andrija fejn intalbet il-kollaborazzjoni tal-Kunsill sabiex flimkien tiġi organizzata Sports Fest f'Ottubru ta' din is-sena. Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jtella' din l-attivita` flimkien mal-organizzaturi tal-Knisja ta' Sant Andrija.

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill l-approvazzjoni tal-MEPA, għal proġett ta' titjib ta' Ġnien il-Kunsill. Is-Sindku qal illi l-fondi allokati mill-Kunsill għall-proġett kienu ta' €150,000 filwaqt li l-istima l-ġdida li saret mill-Perit sabiex isir ix-xogħol ta' titjib fil-bandli kienet tammonta għal ftit aktar minn €374,000.

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill tliet *options* għall-proġett fi Ġnien il-Kunsill. Is-Sindku semma l-possibilita` li jsir ix-xogħol ta' titjib fil-bandli skont l-approvazzjoni tal-MEPA u x-xogħol jitħallas f'perjodu ta' ħames snin. Alternattiva oħra hi li l-proġett ma jsirx kollu f'daqqa iżda jsir f'perjodu ta' żmien. It-tielet *option* tkun li jsir ix-xogħol li l-aktar hemm bżonn bil-fond ta' €150, 000 allokat.

Wara diskussjoni li saret is-Sindku ppropona li l-Kunsill jiltaqa' mal-Perit u x-xogħol li jsir ma jeċċediex l-ammont ta' €150,000 billi tingħata prijorita' lix-xogħol ta' pavimentar, għamara tal-bandli kif ukoll xogħol fuq il-funtana.

Is-Sindku qal illi l-Kunsill ser ikun qed japplika għall-fond ta' €94,767 li hemm disponibbli biex parti minn dan il-proġett jiġi ffinanzjat taħt il-*Urban Improvement Fund.*

Is-Sinjura Calleja ssekondat il-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li x-xogħol ta' titjib fil-bandli ma teċċedix is-somma ta' €150,000.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jsir xogħol ta' żbir u tindif fi Ġnien il-Kunsill għall-prezz ta' madwar €300.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Adrian Mifsud, *Project Leader* fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Proġett Pilota u Kwestjonarju dwar *Performance Management* fil-Kunsill Lokali. Dan il-proġett ser ikun ko-finanzjat permezz tan-*Norway Grants* għas-snin 2009-2014. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Vella, il-Kunsill qabel unanimament li kopja ta' din il-korrispondenza ser tintbgħat lil kull Kunsillier biex jintgħażel Kunsillier biex jipparteċipa għal dan il-proġett.

Is-Sur Joseph Agius (is-Sway) talab sabiex isir xogħol ta' *extensive patching* fi Triq is-Santwarju. Is-Sur Mark Grech issekonda l-proposta tas-Sur Joseph Agius (is-Sway) u l-Kunsill qabel unanimament li jinbeda xogħol ta' *extensive patching* fi Triq is-Santwarju u f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi.

Is-Sindku ppropona li jitnaddaf Ġnien il-Kunsill u li jinxtraw pjanti u jitpoġġew fil-bini tal-Kunsill. Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill approva unanimament din il-proposta.

Item 7 – Approvazzjoni tal-Minuti tal-Kumitat Amministrattiv St Peter

Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li japprova l-minuti mill-51 sas-56 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter.

Item 8 – Skeda tal-Pagamenti – Approvazzjoni

Is-Sindku qal illi l-kuntratturi li provdew xi tip ta' servizz fl-attivita` *The Malta International Food Festival* u li qed jiġu ppreżentati għandhom jitħallsu peress illi s-servizz ġie mitlub lilhom. Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-13 ta' Marzu 2014 u s-6 t'Awwissu 2014 li kienet tammonta għal €251,939.26 bħala *sign of goodwill*.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Marzu 2014 li kien jammonta għal €108.68.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' April 2014 li kien jammonta għal €88.63.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Mejju 2014 li kien jammonta għal €1.30.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Ġunju 2014 li kien jammonta għal €14.93.

Item 9 - Approvazzjoni tar-Rapporti Finanzjarji

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għall-perjodu Jannar – Diċembru 2013. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart għal perjodu Jannar – Marzu 2014. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella.

Item 10 - Pjan ta' Ħidma 2014-2016

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-Pjan ta' Ħidma finalizzat għas-snin 2014 - 2016. Dan il-Pjan ta' Ħidma ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

Item 11 - Aġġustament u Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2013

Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill approva unanimament il-*Financial Statements* għas-sena 2013 kif emendati.

Item 12 - Aġġudikazzjoni ta' offerti u deċiżjoni dwar il-kuntratti :

Deċiżjoni dwar il-kuntratt għas-Servizz ta' Knis u Qtugħ ta' Ħaxix (ZLC 3/2011)

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kuntratt li l-Kunsill għandu għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix (ZLC 3/2011) mas-Sur David Grech kien għalaq fit-30 ta' Ġunju 2014 u billi dan il-kuntratt ma jistax jerġa` jiġi mġedded trid tinħareġ sejħa ġdida għal offerti għal dan is-servizz. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius (is-Sway), il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa ġdida b'urġenza għall-offerti li għandha tkun miftuħa għal perjodu ta' għaxart ijiem.

Deċiżjoni dwar il-kuntratt Tindif ta' Toroq Mhux Urbani (ZLC 6/2011)

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-kuntratt għas-servizz ta' tindif ta' toroq mhux urbani (ZLC 6/2011) li l-Kunsill għandu mas-Sur Carmelo Camilleri għalaq fis-17 ta' Mejju 2014 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius (is-Sway) li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded dan il-kuntratt għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

Manutenzjoni ta' Tabelli u Sinjali tat-Traffiku (ZLC 2/2012)

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt li l-Kunsill għandu għas-servizz ta' manutenzjoni ta' sinjali u marki tat-traffiku (ZLC 2/2012) mal-kumpanija Koperattiva Tabelli u Sinjali tat-Traffiku kien skada fis-17 ta' April 2014 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġeddidx dan il-kuntratt għal sena oħra jew le. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded dan il-kuntratt għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

Tindif u Żamma tas-*Soft Areas* u *Roundabouts* (ZLC 3/2012)

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt li l-Kunsill għandu għas-servizz ta' tindif tas-s*oft areas* u r*oundabouts* (ZLC 3/2012) mal-kumpanija *Environmental Landscapes Consortium Ltd* kien ser jeskadi fis-17 t'Awwissu, 2014 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġeddidx dan il-kuntratt għal sena oħra jew le. Fuq proposta tas-Sindku li

ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded dan il-kuntratt għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

Il-Viċi-Sindku talab sabiex tiżdied it-tisqija fis-*soft areas* u fir-*roundabouts* matul ix-xhur tas-Sajf.

Is-Sur Joseph Bonnici talab sabiex jintbgħatu aktar ħaddiema mill-kumpanija *Environmental Landscapes Consortium Ltd* biex jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni u tisbiħ ta' soft areas f'Ħaż-Żabbar.

<u>Tindif u Żamma ta' Latrini Pubbliċi (ZLC 1/2013)</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt li l-Kunsill għandu għas-servizz ta' tindif u żamma ta' latrini pubbliċi (ZLC 1/2013) mal-kumpanija *WM Environmental Ltd* kien għalaq fis-17 ta' Marzu, 2014 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġeddidx dan il-kuntratt għal sena oħra jew le. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded dan il-kuntratt għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

<u>Żamma u Manutenzjoni ta' Toroq u Bankini (ZLC 4/2013)</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt li l-Kunsill għandu għas-servizz ta' manutenzjoni ta' toroq u bankini (ZLC 4/2013) li l-Kunsill għandu mal-kumpanija *Central Asphalt Ltd* għalaq fis-17 ta' Lulju, 2014 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġeddidx dan il-kuntratt għal sena oħra jew le. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded dan il-kuntratt għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

Is-Sur Mark Grech qal li kien talab lill-Perit tal-Kunsill jesieġi mal-kumpanija Central Asphalt li jiġi rranġat xogħol ta' *patching* li sar fi Triq l-Iskola.

<u>Ġbir ta' Skart Domestiku (ZLC 1/2014)</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill l-offerti li ġew sottomessi għas-servizz ta' Ġbir ta' Skart Domestiku mħallat (ZLC 1/2014). L-offerti kienu kif ġej:

<u>Rati għal kull ġurnata (VAT inkluż)</u>

| | **Għallis** | **S Antnin** | | **Għallis** | **S Antnin** |
|---|---|---|---|---|---|
| **Nicholas Casha** | | | **WM Environmental** | | |
| Sena 1 | € 435 | € 425 | Sena 1 | € 399 | € 380 |
| Sena 2 | € 435 | € 425 | Sena 2 | € 399 | € 380 |
| Sena 3 | € 440 | € 430 | Sena 3 | € 399 | € 380 |
| Sena 4 | € 445 | € 430 | Sena 4 | € 399 | € 380 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Rata tal-Fuel | € 1.36 | | | Rata tal-Fuel | € 1.36 | |
| | **Għallis** | **S Antnin** | | | **Għallis** | **S Antnin** |
| **David Grech** | | | | **Saviour Mifsud** | | |
| Sena 1 | € 232.45 | € 232.45 | | Sena 1 | € 339.00 | € 339.00 |
| Sena 2 | € 232.45 | € 232.45 | | Sena 2 | € 339.00 | € 339.00 |
| Sena 3 | € 232.45 | € 232.45 | | Sena 3 | € 339.00 | € 339.00 |
| Sena 4 | € 232.45 | € 232.45 | | Sena 4 | € 339.00 | € 339.00 |
| Rata tal-Fuel | € 1.36 | | | Rata tal-Fuel | € 1.36 | |

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jitlob parir legali dwar id-dokumentazzjoni sottomessa mill-offerenti, partikularment dwar il-garanziji bankarji, d-dokumentazzjoni dwar reġistrazzjoni mill-MEPA, kif ukoll dwar l-ittri ta' referenza.

Item 13 - Ħatra ta' Membru ġdid fil-Bord tal-Għażla għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13)

Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv mal-Kunsill iservi bħala membru il-Kunsillier s-Sur Joe Bonnici, minflok l-ex Sindku Quinton Scerri. Iċ-*Chairperson* ta' dan il-Bord issa ser ikun s-Sindku l-ġdid is-Sur Marc Vella Bonnici.

Is-Sindku talab sabiex l-intervisti jkomplu fl-iqsar żmien.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jitlob l-permess neċessarju mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jimpjega *Assistant Principal Officer* fi skala 11.

Item 14 - Ħatra ta' Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għall-proġetti ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea

Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jaħtar lis-Sindku, lis-Segretarju Eżekuttiv, lill-Viċi-Sindku, lis-Sinjura Alison Camilleri u lill-Perit George Buhagiar sabiex ikunu l-membri tal-kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għall-proġetti ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea fuq il-proġett ta' *resurfacing* fi Triq Ħas-Sajjied.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius (is-Sway) li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jaħtar lis-Sindku, lis-Segretarju Eżekuttiv, lis-Sur Joseph Bonnici, lis-Sinjura MaryGrace Micallef u lill-Perit George Buhagiar sabiex ikunu membri tal-kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għall-proġetti ko-finanzjati mill-Unjoni

Ewropea biex isir xogħol ta' kostruzzjoni ta' *underground bring in-site* fi Triq il-Pellegrinaġġ tar-Roti.

Item 15 - Permessi għal żmien il-Festa

Is-Sindku tkellem dwar il-permessi għal tqegħid ta' posti u kjosks fil-jiem tal-festa. Is-Segretarju qal li kien irċieva talba mis-Sur Alfred Galea sabiex ma jsirx tqegħid ta' gabbani jew posti fi żmien il-festa quddiem il-ħanut tiegħu f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi.

Is-Sur Brian Spiteri talab sabiex it-tqegħid ta' gabbani u posti inkluż bejjiegħa tat-*toys* fi żmien il-festa jkunu kollha fi Triq tal-Labour. Is-Sur Spiteri talab ukoll sabiex ma jinħarġux permessi fi Triq il-Kbira bħal ma ġara s-sena l-oħra.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat *ad hoc* sabiex jiġu diskussi l-problemi li kien hemm u li jista jkun hemm waqt li jkunu qed jinħarġu l-permessi tal-festa.

Il-membri ta' dan il-Kumitat ser ikunu s-Sindku, il-Viċi-Sindku, is-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Brian Spiteri, is-Segretarju Eżekuttiv u l-Uffiċjal Eżekuttiv MaryRose Caruana.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill illi l-applikazzjoni għal twaqqif jew tqegħid ta' gabbani kienu ser jiġu milqugħa mill-25 sad-29 t'Awwissu, 2014.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq qudiem il-Kunsill l-unika offerta li saret għas-servizz ta' tneħħija ta' vetturi abbandunati mit-toroq ta' Ħaż-Żabbar. L-unika applikazzjoni li saret kienet mis-Sur Edmond Vella ta' 22 Triq Patri Mattew Sultana, Ħaż-Żabbar.

Il-Kunsillier is-Sur Joseph Vella iddikjara li l-offerent jiġi z-ziju tiegħu u talab li jkun skużat u jirtira mil-laqgħa sabiex ma jkunx parteċipi fid-deċiżjoni u ma jivvutax dwar din l-offerta. Fid-8.55 ta' filgħaxija s-Sur Vella ingħata permess jirtira mil-laqgħa u ħareġ barra.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta l-offerta tas-Sur Edmond Vella li ser ikun qed jagħti s-servizz tiegħu mingħajr ebda spejjeż għall-Kunsill.

Is-Sindku qal illi waqt laqgħa li kellu mal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ ġie propost sabiex isir proġett ta' tisbiħ fil-Masġar u ssir *Family Area* kif ukoll *BBQ Area*. Is-Sindku qal illi kien ser jiltaqa` mal-Perit tal-Kunsill sabiex ikunu jistaw jinbdew il-preparamenti għal dan ix-xogħol.

Is-Sindku qal illi l-proġett kien għadu fil-fażi inizjali tiegħu u ser ikun qed jitressaq quddiem il-Kunsill qabel jiġi implimentat. Is-Sindku qal li l-ħsieb tal-Kunsill taż-żgħażagħ hu li l-proġett ikun jinkludi bankijiet u mwejjed fejn il-familji jkunu jistgħu jqattgħu ftit ħin ta' rikreazzjoni.

Is-Sur Mark Grech qal illi dan il-proġett għandu jkun kemm jista' jkun kumplimentat ma` proġett ħolistiku li qed jiġi propost li jsir fin-Nofsinhar ta' Malta.

Il-laqgħa spiċċat fis-9:15 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-438-il laqgħa li saret nhar it-Tnejn, 1 ta' Settembru, 2014.

Marc Vella Bonnici
Sindku